MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Numru 906/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Paul Gauci Borda

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 252366(M) akkuzat talli:

1. nhar il-24 ta' Awissu 2006 ghall-habta ta' 1:30a.m. ittanta li jikkommetti serq ta' flus minn gewwa il-Bank Of Valletta ta' Triq it-Tigrija Marsa ghad-dannu tal-istess Bank Of Valletta u anke tal-organizazzjoni ta' persuni b'dizabilita liema attentat ta' serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali mill-volonta tieghu liema attentat huwa

aggravat bil-valur u dan ai terminu tal-artikolu 261 u 267 tal-Kapitolu 9;

2. matul dawn l-ahhar gimghat gewwa l-Gzejjer Maltin kien fil-pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta u cioé mus bil-molla u strument iehor bil-ponta minghajr ma kien awtorizzat jew illicenzjat mill-kummissarju tal-pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 3 u 6 tal-Kapitolu 480.

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-imsemmija armi kif ukoll il-konfiska tal-vettura nru HAI-408 bhala li hija parti formanti mill-korpus delicti u dan skond l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament u mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Illi l-akkuzi jirrigwardaw l-attentat ta' serq u l-pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta meta sprovist minn licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hemm ukoll l-akkuza tar-recidiva.

Fuq l-ammissjoni tieghu l-Qorti qeghda ssib l-imputat hati ta' dawn l-akkuzi. Rat l-Artikolu 41, 261(c), 267, 279 u 289 tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta' € 300 li tikkoncedi li jithallsu bil-€50 fix-xahar l-ewwel pagament sal-ahhar ta'

Novembru 2008 u b'pagamenti konsekuttivi u sussegwenti kull l-ahhar ta' kull xahar ta' wara;

u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghall-tlett snin mil-lum sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor f'dawn it-tlett snin;

tordna l-konfiska tal-vettura u s-sikkina.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------